Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT-TIELET LAQGĦA TAT- TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il- Ħamis, 11 ta' Ġunju 2015

**Ħin:** Mill-5.00pm sat-8.00pm

**Prezenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tieni laqgħa ta' nhar il-Ħamis 25 ta' Mejju 2015. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Daniel Muscat. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kwotazzjoni għal doggie bins ġiet ippublikata fejn din tagħlaq nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju 2015.

Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat jinforma lis- Supretendent Tanti mill- Għassa ta' Birkirkara kif ukoll lir- Reġjun Ċentru, is- Sur David Soler biex jiżdied l-infurzar ġewwa Ħal Balzan għaliex huwa stat ta' fatt li dan l-infurzar mhux qed ikun effettiv.

Is-Sindku Dr. I. Spiteri talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lil Transport Malta fejn qed iwissi li jekk ma jsirux fi Triq Birbal li taqa' taħt r-responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali, r-*road markings* li ilhom li ġew mitluba mill-Kunsill biex isiru għal diversi xhur, kif ukoll li tiġi installata il-*bus shelter* kantuniera ma' Triq Kardinal Cardin, il-Kunsill ma jibqagħlux alternattiva ħlief li jirrikorri għand il-Ministru konċernat biex l-azzjoni tittieħed.

**Is-Sindku Dr. I. Spiteri talab is-sospensjoni tal-Agenda biex jiġi diskuss Item Nru 5 " *Korrispondenza u Ilmenti*". Il-Kunsill approva.**

**5. Korrispondenza u Ilmenti**

**Ittra Nru. 4875:** Ittra mingħand il-Perit A. Bezzina fejn qed jiddikjara għan-nom tas-Sur J. Mizzi ta' 3, Triq Sisner li l-propjeta' pre-1967 għandha d-dritt li jkollha l-uzu ta' garaxx privat u aċċess liberu fi triq pubblika quddiem il-garaxx.

Il-Kunsill ser jitlob lis-Supretendent tal-Pulizija biex jagħmel il-verifiki neċċessarji u jinfurma lill-Kunsill.

**Ittra Nru 4883**: Talba mingħand il-Kazin Maria Annunzjata rigward it-tindif li jrid isir mill-inspection privata mal-ħajt tal-każin.

Il-Kunsillier Joe Galea flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ltaqgħu ma' uffiċjal mid-Drainage Department fejn infurmana li l-inspection peress li hija privata, ma tistax issir min-naħa tagħhom u ssuġġerixxa li dan l-inspection jitnaddaf permezz ta' bowser u jintuza is-CCTV camera biex tiġi individwalizzata minn fejn ġejja l-ħsara.

Is-Sindku Dr. I. Spiteri bħala stat ta' fatt hemm problema u qed jaffettwa mhux biss il-kazin imma wkoll ir-residenti fl-inħawi. Għalhekk huwa kien qed jipproponi li bħala Kunsill niktbu lill-Kazin Maria Annunzjata fejn dan ix-xogħol isir u f'kaz li jirriżulta li din il-problema qed tiġi kkawżata minħabba xi xogħlijiet li kienu saru fl-imgħoddi mill-Kunsill allura huwa jassumi r-responsabbilta' fejn il-ħlasijiet jitħallsu mill-Kunsill. F'kaz kuntrarju il-kazin irid jassumi r-responsabbilta' hu u jħallas l-ispejjeż dovuti. Dan il-proponiment kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea.

Il-Kunsillier Daniel Muscat minħabba raġunijiet ta' kunflitt ta' interess, talab lis-Segretarju Eżekuttiv ma jipparteċipax f'din il-votazzjoni.

Dan il-proponiment ġie approvat b'erba' voti (4) favur u xejn (0) kontra.

**Ittra Nru 4886** : Talba mingħand il-Kazin Maria Annunzjata rigward permess li jsiru xi attivitajiet nhar is-Sibt 27 ta' Ġunju 2015 u l-Ħadd 28 ta' Ġunju 2015 fejn infurmaw lill-Kunsill li wara li kien ġie issuġġerit lilhom li l-attivitajiet isiru fi Triq Providenza biex nevitaw xi għeluq ta' toroq huma ma aċċettawx din il-proposta u qed jinsistu li dawn l-attivitajiet isiru fi Pjazza Bertu Fenech.

Is-Sindku Dr. I. Spiteri qal li ġie avviċinat minn xi individwi fejn talbuh li din hija okkażjoni unika fl-għeluq il-125 Sena tal-Kazin u għandu jingħata dan il-permess. Huwa qal li fil-laqgħa preċedenti kien ppropona li tiġi stabbilita policy fejn ta' darba f'sena, il-kazini kollha jinħarġilhom permess fejn l-attivita' li tiġi organizzata jkollhom id-dritt li jagħlqu xi toroq.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara tenna li għandha titfassal mill-aktar fiss din il-policy għaliex in-nies qed tiddejjaq li kwazi f'kull attivita' li dan l-aħħar qed ikunu ta' spiss, fejn ikollhom jingħalqu xi toroq minħabba dan.

Saret diskussjoni bejn il-kunsilliera fejn bi qbil unanimu ġie deċiż li għall-attivitajiet tal-Kazin Maria Annunzjata fid-dati msemmija biex ma jiġux effettwati Triq it-Tlett Knejjes u Triq Sisner, tinfetaħ il-*one way* li tinsab fi Triq Wesgħa Profs Aquilina kantuniera ma Triq Idmejda biex in- residenti ta' Triq Sisner ikollhom aċċess. Ġiet imposta kundizzjoni fuq il-Każin fejn ir-residenti milquta ta' Triq Idmejda u Triq Sisner jridu jiġu infurmati permezz ta' ittra fuq dawn l-avvenimenti u kif ser isir id-devjazzjoni tat-traffiku. Barra minn hekk irid ikolhom f'idejhom il-permessi kollha meħtiega mill-Pulizija.

Il-Viċi Sindku Andre Grech ser jieħu l-inkarigu li waqt l-attivitajiet huwa ser jagħmel sorveljanza fuq dak li ġie miftiehem.

Il-pemess mill-Kunsill ser jinħareġ biss la darba, il-Kazin jissodisfa l-kundizzjonijiet imposti mill-Kunsill.

**Ittra Nru 4894:** Email mingħand Dr. Berman ta' 87, Triq Il-Kanizzata fejn ma aċċettax li x-xogħol fuq il-bankina quddiem il-garaxx tiegħu isir bi spejjeż tiegħu, taħt is-superviżjoni ta' perit u ċertifikazzjoni tax-xogħolijiet tingħata lill-Kunsill għax qed jallega li kien sar xi xogħol ħazin mill-ħaddiema tal-Kunsill fl-2009.

Il-Kunsill ser iqabbad lill-perit tiegħu biex iħejji rapport għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill u tittieħed deċiżjoni.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 3. Komunikazzjoni tas-Sindku u l-Kunsilliera

### Sindku Dr. Ian Spiteri

Is-Sindku Dr. Spiteri qal li kompla jara xi postijiet oħra għall-kiri ta' uffiċċju għall-Kunsill u sadanittant huwa infurma lill-Kunsill li s-Sorijiet tal-Bon Pastur ma aċċettawx il-proposta rigward il-possibilta' li nikru xi kmamar fejn hemm l-Uffiċċju Parrokkjali.

Huwa qal li bħalissa hemm expression of interest li ħareġ il-Kunsill għal dan il-għan fejn din tagħlaq fit-22 ta' Ġunju 2015 u għalhekk il-Kunsill ma jistax jikkommetti ruħu ma ħadd qabel ma tagħlaq din is-sejħa.

Fir-rigward ta' Ġieħ Ħal Balzan, is-Sindku Dr. Spiteri talab lis-segretarju eżekuttiv biex għal din l-okkażjoni jistieden il-kandidati tal-11-il Distrett.

Is-Sindku Dr. Spiteri infurma lill-Kunsill li b'rabta ma' l-attivita' tal-11 ta' Settembru 2015, il-Valletta 2018 ser jikkolaboraw mal-Kunsill u ser tingħata għotja ta' € 2000. Huwa talab lill-Kunsillier D. Muscat biex jikkoordina magħhom.

Is-Sindku Dr. I. Spiteri talab li tittranġa l-bankina fi Triq Idmejda għaliex qegħda' fi stat ħażin ħafna.

Il-Kunsillier J. Galea infurmah li dan ix-xogħol ser isir mill-aktar fis possibbli mill-ħaddiema tal-Kunsill.

### Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara

Is-Sur D. Zammit Marmara talab lill-Kunsill biex jingħata lilu rapport ta' xi problemi li jeżistu fil-lokalita' bħal toroq u problemi oħra u kif jistgħu jiġu mtejba wara laqgħa li l-Kunsilliera tal-Partit Laburista kellhom mal-Ministri.

Is-Sur Zammit Marmara staqsa meta ser jiġi ppublikat il-fuljett tal-Kunsill.

Is-Sindku Dr. I. Spiteri wieġeb li huwa għandu f'moħħu li jinħareġ tip ta' magazine flok fuljett għall-aħħar ta' din is-sena.

Is-Sur Zammit Marmara staqsa għalfejn ċertu fanali ġodda li saru mill-Kunsill għandhom ma' jinxtgħelux.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan huwa xogħol li jrid isir min naħa tal-Enemalta fejn intbgħatu diversi reminders imma għadu ma sar xejn min naħa tagħhom.

Is-Sur Zammit Marmara ressaq talba tas-Sur. R. Azzopardi fejn jixtieq li jtella' wirja ta' mudelli ta' Ħal Balzan.

Is-Sur Zammit Marmara ressaq talba tas-Sur Louis Schembri fuq il-kaz ta' Buontempo Estate biex forsi isir xi ħaġa min naħa tal-Kunsill biex itaffi mill-problemi li jeżistu hemmhekk.

Is-Sindku Dr. I. Spiteri wieġeb li l-Kunsill preċedenti pprova kemm il-darba joħroġ b'soluzzjoni pero' dejjem ġiet irrifjutata a bazi tal-fatt li huma toroq privati u għalhekk l-unika soluzzjoni hija li s-sidien jingħaqdu f'assoċċjazzjoni bejniethom.

Is-Sur Zammit Marmara ressaq talba tas-Sinjura J. Azzopardi li toqgħod fi Triq Qarcilla rigward il-problema ta' żvilupp li sar fi Triq San Frangisk kantuniera ma' Triq San Gabriel.

Is-Sindku wieġeb li kif kulħadd jaf hemmhekk kien hemm rikors il-Qorti Superjuri tal-Appell fuq dan il-permess min naħa tar-residenti u dejjem kien hemm l-appoġġ tal-kunsill pero' din inqagħtet favur l-iżviluppatur u għalhekk ma jista' jsir xejn aktar min naħa tal-Kunsill.

Is-Sur Zammit Marmara ressaq talba ta' resident li joqgħod 85, Triq il-Kbira biex tinbidel il-bozza tal-lanterna li hemm biswit id-dar.

Il-Kunsill ser iġib xi kwotazzjoniiet fuq tip ta' *diffusers* li jtaffu minn dawl qawwi.

Is-Sur Zammit Marmara ressaq talba tal-Kappillan biex nhar il-Sibt, 11 ta' Lulju 2015 b'kollaborazzjoni mal-Kunsill għall-attivita' tal-Festa għall-anzjani jitħallas it-trasport li jammonta għas-somma ta' € 126. Il-Kunsill approva.

**Il-Kunsillier Joe Galea**

Is-Sur J.Galea ressaq xi kwotazzjonijiet għal tibdil ta' pots tal-fjuri f'diversi toroq fil-village core.

Is- Sur J. Galea infurma lill-Kunsill li l-handyman tal-Kunsill flimkien mal-haddiema tal-Kunsill offrew minn jeddhom li jirrestawraw il-gazebo li tinsab fi Ġnien A. Stellini. B'hekk bħala Kunsill ser inkunu iffrankajna ħafna flus li minn kwotazzjoni li kellu f'idejħ tlaħħaq is-somma ta' € 2500.

Is-Sur Galea ressaq talba tal-Qronfla biex jinħareġ permess speċjali għall-vannijiet tal-Kumpanija biex jipparkjaw fi Triq il-Kbira quddiem il-ħanut tiegħu peress li l-liċenzja ma tidhirx fuq Ħal Balzan.

Il-Kunsill ma approvax din it-talba u ssuġġerixxa li s-sid jaqleb il-liċenzja fuq Ħal Balzan.

**Il-Viċi Sindku s-Sur A. Grech talab li jiġi skuzat mill-laqgħa (7.35pm) peress li kellu laqgħa oħra.**

**Il-Kunsillier Daniel Muscat**

Is-Sur D. Muscat ressaq talba ta'xi residenti li joqgħodu fi Triq it-Tabib J. Zammit biex jitneħħew xi *sleeping policeman.*

Il-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar li jieħu deċizjoni li tinbagħat petizzjoni mir-residenti ta' dik it-triq jitolbu li dawn jitneħħew.

Is-Sur D.Muscat tkellem fuq l-applikazzjoni għar-restawr ta' postijiet storiċi fejn indika xi postijiet ġewwa Ħal Balzan għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

**Għeluq:** Il-laqgħa kellha tiġi aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2015 fil-5pm peress li kienu għaddew tlett(3) siegħat skond kif stipulat fil-liġi tal-Kunsilli lokali .

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data